# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Luke Chetcuti u Armand Chetcuti**

Il-Qorti rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **Luke Chetcuti** li għandu l-karta tal-identita bin-numri 595691M **u Armand Chetcuti** li għandu l-karta tal-identita bin-numri 89289M li permezz tagħha huwa ġew akkużat (in suċċint)

> talli fdawn il-Gzejjer fit-02 ta' Novembru 2016 bejn it-tlieta u kwart ta' wara nofs in-nhar (1515) u t-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar (1530), f Triq Santu Wistin, San Giljan u/jew fil-vicinanzi:
> 1. Minghajr il-hsieb li toqtlu jew tqieghdu l-hajja fil-periklu car, ikkagunajtu ferita ta' natura gravi fil-gisern ta' Peter Lee Robbins (Art 214, 216(1)(a)(iii), 216(1)(b) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);
> 2. Nakkuzakom aktar talli fl istess data, lok, hin u cirkostanzi qajjimtu rewwixta jew glieda bil-hsieb li taghmlu omicidju jew offiza fuq il-persuna ta' Peter Lee Robbins. (Art. 238 (a) Kap 9 Ligijiet ta' Malta);

3. Nakkuzakom aktar talli fl istess data, lok, hin u cirkostanzi talli fi glieda accidentali, hadtu parti attiva meta wettaqtu griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Peter Lee Robbins (Art. 237 (c)(d) Kap.9 ta' Ligijiet ta' Malta);
4. Nakkuzakom aktar talli fl istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament ksirtu il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, bl-ghajjat u bil-glied Art 338(dd) Kap 9 tal-Kodici Kriminali);
5. Nakkuzakom aktar talli fl istess data, lok, hin u cirkostanzi hebbejtu kontra Peter Lee Robbins sabiex tingurjawh, idejjquh jew taghmlulu hsara (Art 339(l)(d) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);
6. Nakkuzakom aktar talli fl istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurjajtu jew heddidtu lil Peter Lee Robbins u fkaz li kontu ipprovokati, ingurjatu billi hrigtu 'l barra mil-limiti tal-provokazzjoni (Art 339 (1)(e) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);
7. U fl-ahhar nett nakkuza lil Armand Chetcuti wahdu talli sar recediv b'diversi sentenzi tal-Qrati Maltin. (Art. 49, 50 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali a fol 5 li permezz tiegħu iddikjara li kien qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat li matul l-eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputati, debitament assistiti tennew li ma kienux ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrihom.

Rat id-dokumenti prodotti;

Semgħet ix-xiehda prodotti;

*Ikkunsidrat : -*

Illi f'dan il-każ il-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq l-aqwa prova sabiex tipprova l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputati.

# *Decide :-*

Li stante li l-każ il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni bi provi legalment ammissibbli, il-Qorti qegħda ssib lill-imputat mhux ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrihom u tilliberahom minn kull ħtija u piena.

***Mogħtija illum it-23 t'Ottubru 2017 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***